

Brussell, 17 ta' Frar 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0142 (COD)

6290/17
ADD 1

CODEC 209
VISA 51
COMIX 118

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa (reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni) - Adozzjoni tal-att leġislattiv (AL + D) = dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni / tal-Kunsill

Meta tadotta l-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-par. 4 (a) tal-Artikolu 1(a), il-Kummissjoni se tiżgura, abbażi tal-valutazzjoni tagħha u t-tipi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar speċifikati mill-Istat(i) Membru/i fin-notifika/i tagħhom, li l-kategoriji koperti huma kbar biżżejjed sabiex jindirizzaw b'mod effikaċi ċ-ċirkostanzi inkwistjoni.

Dawn il-kategoriji jistgħu jinkludu, skont iċ-ċirkostanzi, id-detenturi kollha ta' passaporti ordinarji, tas-servizz jew diplomatiċi mill-pajjiż terz ikkonċernat.

F'każ li tirriżulta pressjoni migratorja qawwija minn ċirkustanzi kif deskritti fil-par. 2 (a), (b), (c) tal-Artikolu 1a jew jirriżulta riskju ta' sigurtà għolja miċ-ċirkustanzi kif deskritti fil-par. 2 (d) ta' dak l-Artikolu, il-Kummissjoni se tinkludi d-detenturi ta' passaporti ordinarji maħruġa mill-pajjiż terz ikkonċernat.

Dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni se tkompli tirrapporta skont id-dikjarazzjoni tagħha ta' Novembru 2010 dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' segwitu għall-proċessi ta' liberalizzazzjoni tal-viża għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.
 2. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li, kif iddikjarat fil-premessa (4), għall-finijiet tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni żieda sostanzjali tista' tindika żieda iktar baxxa minn livell limitu ta' 50 % jekk applikabbli fil-każ partikolari notifikat mill-Istat Membru kkonċernat.
 3. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li, kif iddikjarat fil-premessa (5), għall-finijiet tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni, rata ta' rikonoxximent baxxa tista' tindika rata ta' rikonoxximent ogħla minn madwar 3 jew 4 % jekk applikabbli fil-każ partikolari notifikat mill-Istat Membru kkonċernat.
-